**FIL-BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**MAGISTRAT DR JOSEPH CASSAR BA. LL.D.**

**Illum, 16 ta' Ottubru 2001**

**Rikors Nru: 53/99B**

**Aquilina Michael**

**Vs**

**Gatt Mario**

Il-Bord,

Ra r-rikors ta' l-esponent wara li qal li:

1. jikri lill-intimat il-garage "St. Joseph", Clarence Street, Pieta' (korrezzjoni 28 ta' April 1999) bil-kera ta' Lm336 fis-sena li jithallas bix-xahar bil-quddiem, l-ewwel skadenza (korrezzjoni 28 ta' April 1999) fit-tnejn (2) ta' Mejju 1999.

2. Ghandu bzonn dan il-garage ghall-bzonnijiet tieghu u tal-familja tieghu.

Talab li

jigi awtorizzat li ma jgeddidx il-kera u jordna lill- intimat johrog fi zmien qasir u perentorju.

Ra r-risposta ta’ l-intimat fejn talab li t-talba tar-rikorrent tkun michuda bl-ispejjez stante li l-fond de quo huwa mikri lilu ghal skop kummercjali; salvi eccezzjonijiet ohra;

Sema’ x-xhieda bil-gurament;

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Sema’ t-trattazzjoni ta’ l-avukati;

Ra l-verbal tal-4 ta' Lulju 2001;

Ikkunsidra,

1. Ir-rikorrent jghid li jikri l-fond lill-intimat bhala 'garage', post fejn toqghod karozza privata. L-intimat jghid li l-fond hu mikri ghal ghan kummercjali, ghal xoghol ta' mechanic. Il-Bord irid jiddeciedi ghal x' hiex inkera l-fond. Fond uzat ghal xoghol (dejjem skond il-fattispecie tal-kaz), kif qed isostni l-intimat ma jistax jittiehed lura mis-sid ghax ghandu bzonnu. Fond fejn tinzamm karozza privata mhux fond kummercjali u jgawdi ferm anqas harsien mill-ligi specjali: (ara Aquilina et vs Sammut et)

2. Il-kelma garage li dahlet fil-Malti u f' ilsna ohra mill-Ingliz, tintuza fostna b' hafna tisfiriet, ukoll fuq ircevuti, kitbiet u kuntratti: post fejn tinzamm karozza ghall-uzu perosnali, post fejn tinzamm vettura ghax-xoghol, drabi b' affarijiet fiha, post fejn jitqieghed xi haga li m' hemmx htiega taghha band' ohra, post fejn tinhazen merkanizja, post fejn titwettaq arti jew sengha, post minn fejn tinbiegh xi haga, post fejn jinzammu animali kemm bhala delizzju kemm ghall-bejgh, post ta' villeggjatura etc. Jekk fond hux kummercjali jew le jiddependi fuq il-ftehim bejn il-partijiet u / jew ghal x' hiex jintuza, dejjem skond il-kaz.

3. L-intimat esebixxa skrittura tat-28 ta' Lulju 1992 bejn Bernarda Aquilina omm ir-rikorrent u l-intimat fejn il-fond in kwistjoni jissejjah <u>'post'</u> li kellu <u>'jibqa' jintuza kif inhu llum'</u> (sottolinear tal-Bord). Aquilina ma kienitx taf tikteb ghamlet salib quddiem zewg xhieda u n-Nutar Joseph Henry Sciriha. In-nutar gie mressaq bhala xhud mill-intimat u kkonfermat l-awtenticita' ta' l-iskrittura (ara Dok GM1 u fol 34 u xhieda ta' l-imsemmi nutar a fol 79-83). In-Nutar Sciriha xehed b' mod

preciz u responsabbli. Dwar il-fatt li tnizzel li l-post kellu jintuza kif inhu llum', in-Nutar jghid:

".......l-impressjoni li ghandi, imma nixtieq nissottolinea din, l- mpressjoni din, l-impressjoni li kien mechanic u li kien juzah bhala mechanic" (ibid)

Jissokta

"Saret dik l-iskrittura ghal certu raguni kien hemm lokazzjoni illi zgur kienet tezisti f' dik id-data diga u b' ebda mod ma ridna incaqalqu x' kienet ir-raguni ta' l-uzu tal-post, jigifieri dak li kien hemm qabel kellu jibqa' kif kien."

4. Qabel l-iskrittura l-post kien diga jintuza ghax-xoghol ta' mechanic tal-karozzi. Il-ftehim fuq imsemmi sar biex Bernarda Aquilina tkun tista' tiehu xi ghajnuna minghand il-Gvern.

5. Fil-21 ta' Marzu 1992 l-intimat applika biex

"keep a workshop garage and to act as a motor mechanic at premises styled as 'St. Joseph Garage' in Clarence Street, Msida, and to operate one air compressor of 2 h.p., two (2) drillers of 200 watts, and one sander of 200 watts in same premises." (fol 63)

6. A fol 62 tinsab nota esebita mill-Ispettur Gatt:

"Proposed business premises is privately owned and leased in applicant's name as per copy of rent receipt being left in main file application."

7. Id-dokument a fol 66- dwar talba ghall-licenzja-

"to keep a w/shop garage to act as a m/mechanic" - huwa l-aktar wiehed importanti:

"(A) Jiena, hawn taht iffirmat, niddikjara illi l-post fuq imsemmi huwa proprjeta' tieghi."

(B) Fejn l-Applikant mhux is-sid tal-post, is-sid jiddikjara:

Jiena, l-proprjetarju tal-post, fuq imsemmi, naghti l-kunsens lil Mario Gatt biex japplika ghal licenzja fuq imsemmija.

Firma tas-sid X (?) M (?) Aquilina
I.D. No 541426 (M)

Il-firma skond l-intimat, li xehed hu biss dwarha, hi tar-rikorrent, Michael Aquilina. In-numru tal-karta ta' l-identita' jirrizulta lill-Bord li hu dak ta' Bernarda Aquilina (qabbel mal-kitba privata a fol 34) li ma tafx tikteb. Dak iz-zmien kienet ghada hajja. Ghalkemm din hija rregolarita', fost hajfna ohrajn f' din il-kaz, ir-rikorrent ma jistax jghid li l-fond inkera biex titqieghed karozza. Inkera ghal ghan kummercjali. L-ircevuti (fol 67) huma iffirmati minn bin l-intimat Thomas Gatt.

8. L-applikazzjoni saret qabel l-iskrittura, kif ir-rikorrent ha l-permess tieghu qabel ukoll. Dan ifisser li anki qabel il-ftehim il-fond kellu jintuza ghall-ghan li jsostni l-intimat.

9. Jirrizulta li l-intimat kien u ghadu juza l-fond bhala mechanic tal-karozzi. Il-Bord jirrizultalu li hemm irregolaritajiet fl-imgieba ta' l-intimat vis-a-vis l-Awtorita' imma dawn huma f' dan il-kaz irrilevanti ghal dak li ftehmu l-partijiet bejnitheom. Permess ma harigx imma l-intimat qed juza l-fond skond il-ftehim. Darba l-partijiet kienu hbieb sewwa imma issa qamu l-irwiefen kollha.

10. Il-fond inkera biex l-intimat iwettaq fih is-sengha tieghu u hekk qed jaghmel. Il-fond ghandu ghan kummercjali - 'hanut' skond il-ligi. Ir-rikorrent ma jistax jitolbu lura ghax ghandu bzonnu.

Ghalhekk il-Bord jichad it-talba tar-rikorrent bl-ispejjes kontrih.

Dep.Reg Magistrat